MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## SILVIO MELI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2003

Avviz Numru. 101/2003

**Lawrence sive Lolly Mifsud**

**vs**

**Charles Micallef**

**Il-Qorti,**

**Rat it-talba tal-attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' elf u tmien mitt Lira Maltin u erbgha u sittin centezmu (LM1,800.64) rapprezentanti l-prezz ta' xoghol ta' kostruzzjoni u xogholijiet ancillari ezegwiti fuq inkarigu tieghu mill-attur fil-fond 20, Triq id-Doni l-Qadima, Rabat, bl-ispejjez kollha inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid kawtelatorju numru 301/2003 u bl-imghax legali sad-data tal-hlas effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni;**

**Wara li rat in-nota ta' Mistoqsijiet tal-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat (artikoli 698 (2) u 702 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili);**

**Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx, la fil-21 ta' Ottubru tas-sena 2003 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;**

**Tiddeciedi billi tilqa' t-talba tal-attur bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------